MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 1942/1999/1

**Elmo Insurance Services Limited, in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc,
surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Bristow Potteries Ltd, u l-istess Bristow Potteries Ltd, u b'nota tat-22 ta' Frar 2000 is-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited assumiet l-atti; u b'nota tat-12 ta' Mejju 2004 is-Socjeta` Elmo Insurance Limited assumiet l-atti
fil-vesti ta' attur minflok Elmo Insurance Services Limited
bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Sun Alliance and**

**London Insurance plc**

**v.**

**Trevor Vassallo**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Trevor Vassallo, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Novembru 2003. Ghall-ahjar intendiment tal-gudikat odjern, sejra tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata ghax minnha jirrizultaw b’mod car il-premessi u t-talbiet attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll ir-ragunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi kif effettivament iddecidiet:
“Il-Qorti:

“Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi nomine, wara li **ppremettew**: illi fl-10 ta’ Dicembru 1998 ghal xi t-3.30 p.m., waqt li Mark Grima kien qed isuq il-vettura Fiat Ducato Nru. HAP 564, proprjeta` tas-socjeta` attrici Bristow Potteries Ltd., go Congreve Street, Zurrieq, fin-naha tieghu tat-triq u fid-direzzjoni ta’ Wied iz-Zurrieq, din sfat involuta f’incident awtomobilistiku mal-vettura Fiat Punto Nru. EBC 669 li kienet misjuqa mill-konvenut, mid-direzzjoni opposta, fin-naha hazina tat-triq, waqt sorpass (Dok. 1);

“Illi l-vettura Nru. HAP 564 kienet assikurata mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Services Limited noe taht polza *comprehensive*, u s-socjeta` attrici Bristow Potteries Ltd., bhala l-assikurat, ghamlet claim in konnessjoni mal-incident fuq riferit;

“Illi l-danni tal-atturi kienu jammontaw ghal hamest elef mija tmienja u tmenin lira (Lm 5188) dovuti in kwantu ghal hamest elef mija tlieta u sittin lira (Lm 5163) lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Services Limited noe bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-

assikurat taghha kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta` attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm 25) lis-socjeta` attrici Bristow Potteries Ltd. bhala danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza *comprehensive.*

“Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

“Illi l-konvenut baqa’ inadempjenti ghalkemm kien interpellat biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici;

**“Talbu** li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq referit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;
2. Tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta’ hamest elef tmienja u tmenin lira maltin [Lm5,188] occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
3. Tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Services Limited noe is-somma ta’ hamest elef mija tlieta u sittin lira (Lm 5163) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta` attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm 25) lis-socjeta` attrici Bristow Potteries Ltd bhala danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza *comprehensive*.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Mejju 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mis-17 ta’ Mejju 1999, kontra l-konvenut li huwa ingun ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

“Rat li b’nota tal-eccezzjonijiet il-konvenut eccepixxa illi, filwaqt li jaccetta r-responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku msemmi fic-citazzjoni, jikkontesta l-ammont esagerat tad-danni rekalmati, u fi kwalunkwe kaz sostna li m’ghandux ibati spejjez gudizzjarji – salv eccezzjonijiet ohra;

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

“Semghet il-provi bil-gurament;

“Ikkunsidrat:

**“Kwadru tal-fatti**

“Illi din il-kawza originat minn incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta’ Dicembru 1998 go Congreve Street Zurrieq bejn il-vettura numru HAP 564 ta’ ghamla Fiat Ducato proprjeta` tas-socjeta` attrici Bristow Potteries Ltd. u vettura numru EBC 669 Fiat Punto misjuqa mill-konvenut Trevor Vassallo.

“Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ammetta r-responsabbilita` tieghu ghall-incident, u ghalhekk dan l-aspett tal-kawza, li jifforma l-bazi tal-ewwel talba attrici, mhux kontestat. Dak li qed jikkontesta l-konvenut f’dawn il-proceduri huma, salv it-talba ghall-hlas tal-ispejjez gudizzjarji, huwa l-ammont tad-danni pretiz mill-atturi; ammont li l-konvenut qed iqis bhala wiehed “esagerat”.

“Illi dwar dan il-punt, mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Ftit jiem wara l-kollizzjoni, Paul Barbieri, is-surveyor tas-socjeta` attrici kien mar ghand tal-Fiat sabiex jaghmel survey u johrog stima tal-hsara li soffriet il-vettura tal-assikurat taghha. Di fatti fis-19 ta’ Dicembru 1998 hu, flimkien mal-foreman Emanuel Arpa, li jahdem fid-divizjoni koncernata u ilu jahdem ma’ din il-

kumpanija ghal circa tletin sena, fasslu stima dettaljata[1] tal-hsara li tindika s-somma ta' Lm1,400 prezz ta' xoghol ta' panel beating, Lm220 spray painting, Lm250 mechanical repairs u Lm180 electrical repairs; li komplessivament iwasslu ghall-figura ta' Lm2,050.

"Illi meta l-imsemmi surveyor staqsa lill-istess Emanuel Arpa kemm kien jehtieg zmien ghat-tiswija, dana informah li peress li l-mudell tal-vettura ma kienx komuni u kellhom jigiebu l-parti minn barra, kien jehtieg, apparti miz-zmien tat-tiswija, bejn tlieta u erba gimghat sabiex jigu l-parts.

"Illi rrizulta inkontestat li l-vettura in kwistjoni kienet inxtrat mis-socjeta` Bistrow Potteries Ltd. minghand il-Fiat bil-prezz ta' Lm7,700, circa xahrejn qabel l-incident, u ghalhekk fiz-zmien meta sofriet il-hsara kienet prattikament gdida.

"Illi meta s-socjeta` attrici ghamlet il-kalkoli taghha hija waslet ghall-konkluzjoni li ekonomikament kien jghamel aktar sens li tikkonsidera l-vettura bhala *beyond economical repair* u cioe total loss.

"Din is-socjeta` bbazat il-konkluzzjoni taghha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet: 10 % depreciation value l-vettura necessarjament soffriet [Lm700]; l-ispiza ta' Lm2,050 prezz ta' xoghol fuq il-vettura; l-ispiza ta' Lm1,300 spare parts; u l-perijodu tal-loss of use u cioe` l-ispiza necessarja sabiex matul il-perijodu tar-riparazzjonijiet, s-socjeta` assikurata maghha tigi provduta b'vettura alternattiva, tenut kont ukoll tal-fatt li l-uzu tal-vettura danneggjata kien wiehed ta' natura kummercjali. Illi ma' dawn il-fatturi, ghandu jizdied il-fatt li l-assikurat irrinuzja ghar wreckage tal-vettura li allura setghet tinbigh, mis-socjeta` assikuratrici u f' dan il-kaz gabet is-somma ta' Lm1,845.[2]

"Illi mill-premess is-socjeta` attrici ghamlet is-segwenti kalkolu matematiku: Il-hrug taghha lill-assikurat kien ta' Lm7,000; izda minn din is-somma ghandu jitnaqqas l-

[1] Dok.EA prezentat minn Emanuel Arpa – depos.19.04.2002 – Fol.136
[2] Dok.JZM5 – Fol.32

ammont ta’ Lm1,845 wreck value[3]. B’ hekk giet li b’ kollox harget: **Lm5,188**, inkluzi f’ dan l-ammont Lm33 spejjez ohra[4].

“Mill-banda l-ohra, l-ispejjez li kienet ser tinkorri biex tissewwa l-hsara gew stmati fl-ammont komplessiv ta’ **Lm3,833** rapprezentati Lm3350[5] danni ghar-riparazzjoni [inkluzi prezz tal-ispare parts], Lm33 fuq indikati, u loss of use li l-konvenut fin-nota tieghu a fol 65 tal-process kkalkola huwa stess fl-ammont ta’ Lm450[6]. Ghalhekk u tenut kont ukoll il-possibbilita’ jekk mhux il-probabbilita’ li fil-kors tat-tiswijiet jinqalghu spejjez ohra, is-somma ta’ **Lm4,000** stima tal-spejjez involuti fit-tiswija tal-vettura, maghmula mis-socjeta` assikuratrici attrici u li fuqha waslet biex hadet id-decizjoni fuq indikata hija verosimili u accettabbli.

“Inoltre, din is-somma paragonata mal-ammont ta’ **Lm5,188 li effettivament harget minnha biex tissodisfa l-claim tal-assikurat taghha,** jirrendu, fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti, id-decizzjoni taghha li tikkonsidera l-vettura bhala beyond economical repair bhala gustifikata fic-cirkostanzi.

“Hija skambjat mas-socjeta` assikuratrici tal-konvenut korrispondenza f’ dan is-sens izda din tal-ahhar kkontestat dan il-fatt, b’mod partikolari l-ammont ta’ Lm1,400 li kien qed jigi mitlub.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi mill-atti processwali jirrizulta car li l-kontestazzjoni principali bejn il-kontendenti tirrisjedi fl-istima ta Lm1,400 rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ panel beating, bazat fuq perijodu ta’ 23 gurnata circa bir-rata ta’ Lm60 kuljum u kkalkolata mill-foreman l-imsemmi Emanuel Arpa. Il-konvenut, jew ahjar, is-socjeta` assikuratrici tieghu, filwaqt

[3] li fiz-zmien tad-decizjoni s-socjeta` kienet stmat fl-ammont ta’ Lm2,000

[4] [4] Towing Lm20, Survey fees 10, Road Accident report Lm3

[5] Lm2,050 xoghol ta’ riparazzjoni, u Lm1,300 prezz ta’ spare parts

[6] *“Lm450 spejjez ta’ kiri ta’ van….kkalkolata bir-rata ta’ Lm15 kuljum ghal tletin gurnata. Teltin gurnata sabiex wiehed jiehu in konsiderazzjoni dewmien ragjonevoli sabiex il-parts ikunu wkoll disponibbli” fol.65*

li mhux qed tikkontesta r-rata tal-hlas tax-xoghol, qeda tikkontendi li l-perijodu ta' 23 gurnata tax-xoghol biex jitlesta dan ix-xoghol kien twil, u fil-fehma taghha dan ma kellux ikun aktar minn 7 tijiem circa.[7]

"In propositu u in vena legali, il-Qorti tirrileva li, hu principju stabbilit li *"in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kaggjonata l-hsara" [App.Civ.* ***John Tufigno vs Joseph Micallef noe****.]*[8]. Inoltre, ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, huwa mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet biex jirriduci l-hsara. Dan il-principju jinsab enuncjat fit-termini segwenti fil-***Halsbury***[9] citat mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kawza ***Mallia vs Moore***[10] citata fil-kawza *App.Inf.****John Xuereb vs James Edward Livick et.***[11]*: It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer".*

"Illi *"il-kwistjoni ta' x' inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" [App.Civ.* ***Joseph aquilina vs Emmanuele Schembri]***[12]

"Ghalhekk, huwa manifest li, ghalkemm id-danneggjat ghandu l-obbligu li jimmitiga d-danni sofferit minnu, huwa m'ghandhux jigi assoggettat li jaccetta li l-hsara tigi

---

[7] Dep.Natalino Agius – Fol.21
[8] Deciz 23 ta' April 1965
[9] Vol.X
[10] Deciza 26 Novembruy 1954 Vol. XXXVIII.I.249
[11] Deciza 3 Novembru 1956 Vol.XL.I.643
[12] Deciza 24 ta' Jannar 1969 – Vide wkoll *App.Inf. Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs Paul Tabone* – 17 ta' Frar 2003

riparata bit-tlaqqit, imma ghandu d-dritt jassigura u jesigi li x-xoghol isir skond is-sengha, b'mod li kemm jista' jkun il-posizzjoni tieghu tigi ripristinata.

"Illi, fil-kaz in disama, irrizulta li l-vettura kienet prattikament gdida, kienet inxtrat minghand tal-Fiat, u kienet ghadha taht il-garanzjia moghtija mis-socjeta` venditrici; u allura is-socjeta` assikuratrici attrici kienet certament gustifikata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt li tiehu l-karrozza tad-danneggjat ghand tal-Fiat biex iggib stima u tkun tista' taghmel survey tal-hsara u prospett tad-danni kemm jista' jkun preciz u korrett. *Multo magis*, fin-nuqqas da parti tal-parti l-ohra li tipprezenta post ghat-tiswija alternattiv u accettabbli. F'dan il-kaz, il-Qorti tosserva li, ghalkemm Natalino Agius kkontesta l-istima tal-ispiza, ma rrizultax mill-provi li huwa ssuggerixxa post iehor fejn setghet issir tiswija skond is-sengha b'anqas spejjez – fil-fatt ma gie ssuggerit ebda post iehor, izda dana semplicement illimita ruhu ghall-kontestazzjoni tal-ammont.

"Inoltre, jigi osservat wkoll li l-foreman Arpa, li mieghu hadem is-surveryor, kien ilu f'dak ix-xoghol ghal circa 30 sena u ghalhekk certament mhux persuna li wiehed ghandu jiddubita mill-kompetenza tieghu in materja; u allura l-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` assikuratrici kienet prudenti u diligenti fix-xoghol taghha meta hija strahet fuq dak li qallilha l-isemmi Arpa.

"Barra minnhekk, ghalkemm is-socjeta` assikuratrici tal-konvenut baqghet tinsisti li l-istima ta' Lm1,400 kienet esagerata, ma ressqet prova ulterjuri, f'dak iz-zmien qabel ma eventwalment issewwiet il-vettura minn terzi persuni, li turi l-kuntrarju, hlief ghall-istima tas-surveyor taghha. La darba din is-socjeta` assikuratrici kienet qed issostni li l-ammont mahdum mis-surveyor Barbieri u l-foreman Arpa kien *"esegerat",* il-prova ta' dan kien jispetta lilha b'applikazzjoni tal-principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u *gratis asseritu gratis negatur.*

"Inoltre, jigi osservat li x-xhieda ta' Raymnond Borg li hadem, sussegwentement fuq il-vettura, ma timmilitax

kontra t-tesi ta' l-atturi, stante li mill-provi rrizulta li dana ma ghamilx x-xoghol ta' riparazzjoni kollu hu, u di piu` rrizulta li l-vettura eventwalment issewwiet u bdiet tintuza fit-triq ghal hata ta' April 2000 u cioe` sena u hames xhur wara l-incident. Dan il-fatt piuttost jimmilita kontra t-tesi ta' Natalino Agius, s-surveyor tas-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, li biex tissewwa l-hsara *"jien kont nghid in the region of 7 days …"*[13]

"Illi rigward 10% depreciation value dedott mill-prezz originali tal-vettura, il-Qorti tosserva li din hija konformi mal-prassi segwita mis-socjetajiet tal-assikurazzjoni fil-komputazzjoni tad-deprezzament ta' vetturi wara li jkunu nxtraw l-ewwel darba, u, ghalhekk il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f' dan ir-rigward; *multo magis* meta fil-kaz odjern, kif irrizulta ampjament mill-provi, l-hsara kienet estensiva u kienet tinvolvi xoghol fuq partijiet strutturali tal-vettura.

**Spejjez**

"In fine jigi osservat li l-konvenut qed isostni li *".. fi kwalunkwe kaz …ma ghandux ibaghati spejjes gudizzjarji".*[14] Illi in propositu l-Qorti tosserva li ssibha difficli li tirrikoncilja din l-eccezzjoni ma dak li logikament ghandu jsir fil-kaz in disamina, salv ghall-ewwel talba.

"Mill-provi jirrizulta *ab abundantia* li - ghalkemm is-socjeta` assikuratrici tieghu ammettiet ir-responsabbilita` ghall-incident fit-telefax message tas-6 ta' Jannar 1999 fit-termini *"…we confirm that we are accepting liability"*[15] – hija kkontestat tul il-process kollu, kemm qabel kif ukoll matul il-proceduri gudizzjarji odjerni, l-operat tas-socjeta` attrici fil-komputazzjoni tad-danni, u sa l-ahhar baqghet tinsisti li l-ammont kien esagerat. Ghalhekk ghandu jirrizulta manifest li s-socjeta` attrici kienet gustifikata u kostretta li tiehu l-passi odjerni sabiex tigi rimborsata tas-somma minnha pretiza u li din l-Qorti f'dan il-gudizzju qed tiddeciedi li hija dovuta lilha.

[13] Fol.90
[14] Fol.13
[15] Fol.36 Dok.JZM9

"Illi rigward l-ewwel talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabbilita` ghall-incident, il-Qorti tosserva li dina qatt ma kienet kontestata mill-konvenut jew mis-socjeta` assikuratrici tieghu, kif jidher car mill-bran tat-telefax fuq citat; u ghalhekk, stante li dan il-fatt gie ammess bil-miktub u b'car u univoku, qabel il-kawza[16], ma kienx hekk htiega l-operat gudizzjarju ghad-defenizzjoni tieghu, u ghalhekk l-ispejjez tal-ewwel talba ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' talbiet attrici kif dedotti u, filwaqt li tiddikjara li ghall-incident indikat fic-citazzjoni huwa unikament responsabbli l-konvenut, tillikwida d-danni konsegwenzjali fl-ammont ta' ***hames telef mija tmienja u tmenin lira maltin [LM5,188]***; u tikkundanna lill konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited is-somma ta' **Lm5,163** rizarciment tal-ammont li din sbsorzat biex indennizat lill-assikurat taghha kif ukoll spejjes ohra konnessi u rizultanti mill-incident kif fuq indikat u wkoll tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` Bristow Potteries Ltd. is-somma ta' **Lm25** bhala danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza tieghu.

"Bl-imghax legali mid-data tan-notifika[17] tac-citazzjoni; u bl-ispejjez kif mitluba, salv ghal dawk relattivi ghall-ewwel talba li ghandhom jigu sopportati mill-atturi."

**L-appell**

**2.** Minn din is-sentenza appella l-konvenut permezz ta' rikors minnu ppresentat fis-16 ta' Dicembru 2003. L-aggravju tal-konvenut hu bazikament li "…s-sentenza appellata hija bbazata fuq apprezzament zbaljat tal-fatti…li rrizultaw mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti". L-appellant jghaddi biex jelenka l-fatti li

[16] Fil-fatt din l-ammissjoni saret fis-6 ta' Jannar 1999, u c-citazzjoni odjerna giet prezentata fit-3 ta' Settembru 1999.
[17] 25 ta' Frar 2000

huwa jghid li l-ewwel Qorti mmisinterpretat jew fehmet hazin. L-atturi, permezz ta' risposta qasira u skjetta ppresentata fis-6 ta' Jannar 2004, fissru li l-konvenut kien qieghed jelenka u jirrepeti *in toto* r-ragunijiet kollha li kien issottometta quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' nota ta' osservazzjonijiet. Huma qalu bazikament li s-sentenza appellata kienet gusta u ghalhekk kienet timmerita konferma.

**3.** Din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, u ezaminat anke d-diversi noti, kif ukoll gharblet ir-rikors ta' appell, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

## Fatti

**4.** Ikun tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor il-fatti saljenti.

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Dicembru 1998 fi Triq Congreve, Zurrieq bejn vettura Fiat Ducato numru HAP 564, proprjeta` tas-socjeta` appellata Bristow Potteries Ltd u vettura Fiat Punto bin-numru EBC 669 misjuqa mill-konvenut appellant.

2. Il-vettura Fiat Ducato numru HAP 564 kienet assigurata mas-socjeta` attrici appellata taht polza *comprehensive*.

3. Il-kwistjoni hija limitata ghal-likwidazzjoni tad-danni, in kwantu l-appellant, allura konvenut, ammetta r-responsabbilta` ghall-incident u qieghed jikkontesta biss il-*quantum* tad-danni reklamati mill-appellati.

4. Is-socjeta` appellata ssostni li l-van garrab hsarat fl-ammont ta' kwazi Lm4,000[18] u ghalhekk minhabba n-natura tal-hsarat ma kienx floku li ssir tiswija fuqu. Mid-dokumenti a fol. 19 u 28, abbinati man-nota tal-konvenut a fol. 65 li fiha huwa jaqbel li l-i*spare parts* kienu ser jigu jiswew madwar Lm1,300, jidher li l-ammont ta' hsara kienet tikkonsisti fis-segwenti:

[18] Fol. 19.

| | | |
|---|---|---|
| | Parts | Lm1,300[19] |
| | Panel Beating | Lm1,400 |
| | Spray Painting | Lm220 |
| | Mechanical | Lm250 |
| | Electrical | Lm180 |
| **Total** | **Lm3,350** | |

Skond l-istima li saret mill-**Waldorf Garage**[20], l-ispejjez kienu:-

| | | |
|---|---|---|
| | Parts | Lm1,380 |
| | Panel Beating | Lm1,400 |
| | Waxoyl | Lm20 |
| | Spray Painting | Lm220 |
| | Mechanical | Lm250 |
| | Electrical | Lm80 |
| **Total** | **Lm3,350** | |

5. Fid-data meta sehh l-incident, il-van Fiat Ducato HAP 564 kien ilu *"xi tliet xhur"* [21] fit-triq. Meta s-socjeta` appellata kkunsidrat il-valur tal-van qabel sehh l-incident u l-ispejjez li kellhom isiru sabiex dan jissewwa, iddikjarat il-vettura bhala *"beyond economical repair"* u ghaddiet biex taghmel rizarciment finanzjarju lill-assigurat taghha. Id-danni reklamati mill-appellati f'dawn il-proceduri huma ghalhekk is-segwenti:

- Valur tal-vann qabel l-incident Lm7,000.
- *Survey fee* Lm10
- *Towing* Lm20
- Skizz Lm3
- Bejgh tar-*wreck* (Lm1845)[22]
- Hlas ta' *policy excess* minghand assigurat (Lm25)

---

[19] Ara fol. 65
[20] Fol. 136 (datat 18/12/1998) -- il-post fejn originarjament ittiehdet il-vettura sabiex issir it-tiswija.
[21] Fol. 17.
[22] Ricevuta a fol. 32 datata 19 ta' April 1999.

**Total Lm5,163.**

6. Is-socjeta` appellata hallset lill-assigurat taghha s-somma ta’ sebat elef lira (Lm7,000) kif jirrizulta mis-*subrogation form* [23].

7. Id-danni sofferti mis-socjeta` appellata Bristow Potteries Limited huma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25), imhallsa lis-socjeta` appellata l-ohra bhala *policy excess*.

8. Da parti tieghu l-appellant ikkontesta d-danni reklamati[24] in kwantu jsostni li:-

(a) Is-socjeta` appellanti qatt ma kellha tiddikjara l-vettura *beyond economical repair*;
(b) Il-vann kien inbiegh lil terza persuna li da parti tieghu sewwieh bi spiza ta’ Lm570. It-tiswija hadet ghaxart ijiem. Skond l-appellant stima ragonevoli ghax-xoghol ta’ tiswija kienet tammonta ghal Lm600.
(c) L-appellant isostni li d-danni sofferti kienu s-segwenti:-

- Xoghol ta’ riparazzjoni Lm600
- Xiri ta’ parts Lm1300
- Kiri ta’ vettura bir-rata ta’ Lm15 kuljum ghall-perjodu ta’ tletin (30) gurnata Lm450

TOTAL **Lm2,350**

**<u>Konsiderazzjonijiet ulterjuri ta’ din il-Qorti</u>**

**5.** Il-kwistjoni kollha tidher li hija ccentrata fuq jekk is-socjeta` appellata kenitx intitolata li ticcertifika l-vettura bhala *beyond economical repair*. L-appellant jilmenta li l-vann kien jiswa iktar minn Lm7,000, ammont li fuqu s-socjeta` appellata ghamlet il-kalkoli taghha biex waslet ghall-valur tieghu qabel l-incident. Effettivament mill-atti processwali jirrizulta li l-van inxtara ghall-prezz ta’ sebat

[23] Fol. 20.
[24] Fol. 65.

elef u seba' mitt lira Maltija (Lm7,700). It-tezi tal-appellant hija fis-sens li f'perjodu ta' tlett xhur[25] il-vann ma setax tilef valur ta' 10%, u ghalhekk is-socjeta` appellata ma kenitx gustifikata li titlaq minn *pre-accident value* ta' Lm7,000. Issa, huwa maghruf li mill-mument li vettura tohrog fuq it-triq titlef fil-valur taghha. Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant ma ressaqx argumenti validi ghala din il-Qorti ghandha tiddiskosta ruhha minn dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. L-argument li dan it-tnaqqis, *"anke a bazi ta' standards rikonoxxuti mis-socjetajiet assikurattrici madwar id-dinja kollha, ikun gustifikat wara sena, u mhux wara xhur"* [26] ma gie bl-ebda mod ssostanzjat bi provi. F'kull kaz, il-fatt li s-socjeta` appellata telqet minn *pre-accident value* ta' Lm7,000 wara li naqset 10% bhala deprezzament, kien jimmilita favur l-appellant in kwantu inaqqas il-hlas dovut bhala danni. Dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li anke jekk wiehed kellu ma jqiesx il-vettura *beyond economical repair* u li setghet tissewwa, kien ikun hemm lok ghal deprezzament li tieghu s-sid tal-vettura jkollu l-jedd li jigi kkumpensat ghalih[27]. Meta wiehed iqies kemm kienet ilha fuq it-triq u d-deprezzament fil-valur tal-vettura b'rizultat tal-hsara li garrbet u t-tiswija li kellha ssir fuqha, ir-rata ta' 10% tidher li kienet tkun ukoll wahda ragjonevoli f'dawk ic-cirkostanzi. Certament li iktar ma tkun gdida l-vettura, iktar ser ikun id-deprezzament fil-valur taghha.

**6.** Dwar il-valur tax-xogholijiet ghat-tiswija tal-vann, mill-provi rrizulta li l-ammont ma giex stabbilit mis-surveyor inkarigat mis-socjeta` appellata izda mill-ufficjal tal-garaxx

[25] Mid-dokument ta' registrazzjoni ta' vettura a fol. 34 jirrizulta li d-data tal-ewwel registrazzjoni tal-vann hija 16 ta' Settembru 1998.
[26] Rikors ta' appell, a fol. 196.
[27] *"Hu vero pero' li meta vettura tkun ghadha gdida kif kienet dik ta' l-atturi – kienet ilha biss seba' gimghat fuq it-triq – l-element tad-deprezzament ma jistax jigi traskurat. Dan ghaliex it-tnaqqis tal-valur bhala konsegwenza tad-daqqa ma jkunx rizultat tad-daqqa nfisha imma tal-fatt illi l-karrozza tkun gdida u hadd mhu ser ihallas tal-gdid meta l-karrozza tkun diga' qalghet daqqa sewwa u giet imsewwija. Hu ovvju illi kieku l-atturi pprovaw ibieghu l-vettura immedjatament wara li sewwewha – basta t-tiswija tkun saret minnufih – huma kienu ser jitilfu fil-prezz li jgibu proprju minhabba l-element tad-deprezzament. Aktar ma jghaddi z-zmien naturalment aktar tonqos ir-rilevanza li xi darba l-karrozza qalghet daqqa ta' dan it-tip u konsegwentement aktar tonqos il-gustifikazzjoni ghat-talba ta' kumpens minhabba deprezzament"* – Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef J. Said Pullicino) – **Jane Bugeja et v. Albert Cassar** deciza fil-5 ta' Ottubru 1994).

tal-Fiat (Emanuel Arpa tal-Waldorf Garage), minghand min, wara kollox, kienet inxtrat il-vettura. Il-vettura kienet ghadha koperta mill-garanzija u s-sid kien certament gustifikat li jrid li t-tiswija ssir fil-garaxx tal-Fiat. Dan apparti l-fatt li jidher li kien hemm qbil li l-vettura tissewwa f'dan il-garaxx, u kif osservat l-ewwel Qorti, l-appellant ma ressaq l-ebda prova li kien isugerixxa xi post alternattiv biex tissewwa l-vettura u bi prezz inqas. Mill-provi jirrizulta li x-xoghol ta' tiswija ghand l-agent kien ser jiswa Lm1,970. Mill-atti processwali jidher li l-ilment tal-konvenut appellant (li ghalih kienet qeghda titratta Citadel Insurance plc) kienet dwar is-somma ta' elf u erbgha mitt lira Maltija (Lm1,400) allokata ghax-xoghol ta' *panel beating*. Fil-fatt Citadel Insurance plc baghtet fax[28] datata 11 ta' Jannar 1999 lil Paul Barberi (impjegat tas-socjeta` assiguratrici appellata) fejn infurmah li *"we would advise that* ***our only reservation is in respect of the panel beating estimate of Lm1,400****. All other estimates and parts to be replaced are in our surveyor's opinion fair and reasonable. Our surveyor has indicated an estimate for panel beating of Lm700 as opposed to the estimate of Lm1,400 indicated by UCIM"*. Mela fir-realta` l-uniku dizgwid (bejn iz-zewg kumpanniji assiguratrici) kien dwar Lm700 ghal *mano d'opera.* Jidher imbaghad li fil-kors tal-proceduri l-appellant (li ghalih kien qed jidher l-avukat tas-socjeta` assiguratrici tieghu) beda jikkontesta l-ammont kollu ghal *mano d'opera* u ppretenda li dan kien biss ta' Lm600 minhabba li l-vettura kienet fl-intervall issewwiet ghand terzi zmien wara, u skond l-appellant it-tiswija swiet daqshekk. Dwar ir-rata ta' hlas sabiex issir it-tiswija fuq il-vann, igifieri sittin lira Maltija (Lm60) ghal kull gurnata, jidher li kien hemm qbil. Wara li s-socjeta` appellata bieghet il-vann lil terzi, din kienet issewwiet u parti mix-xoghol kien sar minn Raymond Borg[29] li kkonferma li huwa ghamel xoghol ta' panel beating biss li hadlu bejn *"gimghatejn…Gimghatejn u nofs"* [30]. Meta wiehed jikkalkola n-numru ta' granet li fuqu saru l-kalkoli minn U.C.I.M. Ltd li kellha taghmel ix-xoghol kollu fuq il-vettura u l-granet li l-vettura damet ghand Raymond Borg ghal

[28] Fol. 38.
[29] Xhieda moghtija fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2003 (fol. 149-154).
[30] Fol. 152.

*panel beating*, ma jistax ikun hemm dik id-diskrepanza kollha li qieghed jipprospetta l-konvenut appellant. Mill-provi rrizulta li sabiex issir it-tiswija ghand l-agent tal-vettura (U.C.I.M. Limited) dawn kienu qeghdin jitolbu hlas ta' Lm1400 ghal *panel beating* biss. Ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tiskredita x-xhieda moghtija minn Emanuel Arpa[31] u li l-ispiza kellha tkun sostanzjalment anqas.

.

**7.** Fir-rigward ta' hlas ghall-*loss of use,* min-nota pprezentata mill-konvenut appellant[32] jinghad ***"Lm450 spejjez ta' kiri ta' van. Din ta' l-ahhar hija kalkolata bir-rata ta' Lm15.00 kuljum ghal tletin gurnata"***. Issa, huwa risaput li d-danneggjat ghandu jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien ikun fiha li kieku l-incident ma sehhx. Zgur li ma kien tort ta' hadd mill-kontendenti li l-*parts* idumu biex jigu, apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li minhabba l-hsarat li garrab il-vann ma kienx possibbli li jsir uzu minnu[33]. Emanuel Arpa xehed li peress li din it-tip ta' vettura ma kienx hawn hafna minnha fis-suq, il-*parts* kellhom jordnawhom minn barra u ghalhekk it-tiswija kienet ser tiehu iktar fit-tul milli kieku x-xoghol kien ser isir fuq vettura ta' stil iehor[34]. Galadarba l-htija ghall-incident kienet tal-appellant, allura huwa gust li t-telf kellu jbatih hu, mhux l-appellati. F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-segwenti gurisprudenza ta' din il-Onorabbli Qorti (sede Inferjuri) tal-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Percius Car Hire Limited vs Richard Schembri** fejn gie osservat hekk: *"Huwa minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi.* ***<u>Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b' pizijiet biex inaqqas il-hsara</u>*** *[Vol.XXXVIII.I.249]. Tinsorgi ghalhekk regola ohra daqstant iehor importanti f'materja ta' danni fil-*

[31] Fol. 127 – 135.
[32] Fol. 65.
[33] Fol. 69 – ritratti tal-vann bil-hsarat li garrab fl-incident meritu tal-kawza.
[34] Mistoqsi kemm kienu jdumu biex jaslu l-parts wiegeb:- *"bejn wiehed u iehor dejjem ikollhom qishom three to four weeks"* (fol. 131 – seduta tad-19 ta' April 2002).

*kollizzjonijiet stradali, li tikkonferixxi lid-danneggjat id-dritt tar-'resitutio in integrum' b'mod li jirreintegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz [App. Inf. Antonio Zammit vs Mario Calleja – 12.01.1977].* ***<u>Taht dan l-aspett is-socjeta` attrici ghandha dritt tircievi dik is-somma ghaz-zmien li damet privata mill-uzu tal-karrozza sakemm din issewwiet</u>***". (sottolinear ta' din il-Qorti).

**8.** Wiehed ghalhekk irid jara jekk is-socjeta` appellata assiguratrici kenitx, gustifikata li tirreklama s-somma ta' Lm5163 minghand l-appellant wara li ddikjarat il-vettura *beyond economical repair*. Is-socjeta` appellata targumenta li fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom ma kienx floku li ssewwi l-hsara u waslet fi ftehim ma' l-assigurat taghha u hallsitu s-somma ta' Lm7,000 li minnhom irkuprat Lm1,845 meta bieghet il-vettura lil terza persuna. Ma hemmx dubbju li kull ftehim li jsir bejn socjeta` assiguratrici u l-assigurat taghha hu *res inter alios acta* ghat-terz (f'dan il-kaz l-appellant) u bl-ebda mod ma jobbliga lil tali persuna li thallas kull ammont li l-assikurazzjoni joghgobha thallas lill-assikurat taghha. Fil-kaz odjern s-socjeta` appellata qieset li l-ispiza li kienet ser tinkorri kienet eccessiva meta paragunat mal-valur tal-vettura. Huwa *"principju generali, stabbilit f'materja ta' mizura ta' danni, li min isofrihom ghandu jaghzel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom biex jissalvagwardja bhala bonus pater familias l-interessi ta' min ikun, skond il-kaz, tenut eventwalment ihallashom"* [35].

**9.** Mill-provi jirrizulta li fiz-zmien in kwistjoni sabiex il-vettura tissewwa kellha ssir spiza ta' tlett elef tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm3,350) [Lm1,400 xiri ta' parts + *mano d'opera*] li maghhom trid tizdied somma ghal telf ta' uzu. Il-vettura kienet inxtrat mis-socjeta` appellata u tintuza ghax-xoghol, u min-naha taghha bdiet tinsisti li tikri vettura mid-data ta' l-incident, igifieri mill-10 ta' Dicembru 1998, sakemm tissewwa. Minn ittra datata 29 ta' Dicembru 1998[36] mibghuta mis-socjeta` assiguratrici

[35] **Salvatore Cannata ne vs Kaptan Emanoli Skapinakis ne** deciza mill-Qorti tal-Kummrerc fl-4 ta' Mejju 1953 (Vol. XXXVII.iii.868).
[36] Fol. 30.

appellata lill-assigurazzjoni tal-appellant, jirrizulta li s-socjeta` appellata Bristow Potteries Ltd kienet diga` kriet vann iehor[37]. Ghalkemm permezz ta' fax[38] li ntbaghtet minn Citadel Insurance plc inghad li setghu jsiru arrangamenti biex il-parts ma jiehdux fit-tul biex jaslu Malta, ma tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward u ta' x'arrangamenti setghu saru u kemm kienu ser idumu biex il-parts jaslu Malta jew kemm setghu jaslu aktar malajr. Dan apparti l-fatt li l-assigurat kien qieghed jippretendi deprezzament fuq il-valur tal-vettura li, kif rajna, kienet ilha biss tlett (3) xhur fit-triq, u li kien gustifikat mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-vettura kienet ghadha gdida. B'daqshekk ma jfissirx li l-vettura ma setghetx tissewwa, anzi mill-provi jirrizulta li din issewwiet. Madankollu meta wiehed iqies id-deprezzament tal-vettura, telf ta' uzu tal-vettura miz-zmien ta' l-incident sakemm tissewwa, spejjez ghax-xiri ta' parts u l-*mano d'opera*, jista' jikkonkludi li s-socjeta` assiguratrici ghamlet id-decizjoni gusta u ma kenitx kapriccjuza fit-triq li ghazlet. Kieku ghazlet it-triq tat-tiswija, l-ispejjez li kienu ser jigu nkorsi kienu jekk ma jkunux iktar mis-somma likwidata mill-ewwel Qorti ikunu ferm vicin. Bizzejjed jinghad li mid-data ta' l-incident (10 ta' Dicembru 1998) sakemm ittiehdet id-decizjoni li l-vettura tigi certifikata bhala *beyond economical repair*, kien diga` ghadda fuq xahar u li kien ifisser hafna spejjez ghal dak li jikkoncerna t-telf ta' uzu. Mix-xhieda ta' Natalino Agius, surveyor inkarigat minn Citadel Insurance plc, jirrizulta li l-Waldorf Garage kienu qeghdin jippretendu li l-vann kien ser jiehu tlieta u ghoxrin (23) gurnata ta' xoghol biex jissewwa filwaqt li Natalino Agius kien qieghed jinsisti li ma kienx mehtieg iktar minn sebat ijiem ta' xoghol[39]. Mill-provi, sahansitra anke mix-xhieda ta' Raymond Borg, jirrizulta fil-fatt li t-tiswija hadet iktar zmien minn dak li kien qieghed jikkalkola Natalino Agius. Il-fatt li l-vettura kienet zmien wara issewwiet u regghet bdiet tintuza m'huwiex rilevanti meta wiehed jigi biex iqies jekk is-socjeta` assiguratrici appellata kenitx gustifikata li

---

[37] *"As already informed our Insured is already hiring an alternate van until such time his vehicle is road worthy".*

[38] Fol. 36 fax datata 11 ta' Jannar 1999 fejn jinghad *"Mr Agius has also proposed a faster way of obtaining the parts for the Fiat Ducato. You may wish to contact him directly on telephone number….".*

[39] Fol. 100.

tiddikjara l-vettura bhala *constructive total loss*. Dan mehud in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li anke t-tiswija saret wara t-2 ta' April 2000 cioe` wara li kienet giet dikjarata *beyond economical repair* u nbieghet lil terzi[40] u zmien wara sew l-10 ta' Dicembru 1998, cioe` d-data meta sehh l-incident. Taht dawn ic-cirkostanzi is-socjeta` appellata kienet intitolata tippretendi li tigbor minghand l-appellant id-differenza bejn il-valur ta' l-istess vettura qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident in kwantu dawk huma d-danni li effettivament sofra l-assigurat taghha u li thallas ghalihom[41].

**Decide**

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[40] Mill-atti processwali jirrizulta li l-vettura nbieghet f'April 1999 (ara ricevuta tal-hlas a fol. 32).

[41] Ara **Farrugia v. Bartolo**, Appell Civili, 16 ta' Mejju 1984; **George Debono *nomine* v. Joseph Bugeja**, Appell Civili, 30 ta' April 1990.